**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 112 / 2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Noel Abdilla**

Illum 17 ta' Gunju, 2021.

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Noel Abdilla detentur tal-karta tal-identità numru 4588(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-17 ta' Jannar 2018 għal ħabta ta' 9.00hrs fi Pjazza Antoine De Paule, Paola b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq, jew għamel xi ħsara jew għarraq xi ħaġa, billi għamel ħsara bil-vettura IBN 232 ta' għamla Volkswagen Polo għad-dannu ta' Jane Pizzuto u dan bi ksur tal-Art 328 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-25 ta' Marzu 2021, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 328 (d) tal-Kodici Kriminali, sabet lill-imputat Noel Abdilla ħati tal-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront

tiegħu, u filwaqt li kkundannatu għal multa ta' mitt Euro (€100), ordnatlu wkoll, a tenur tal-artikolu 532A tal-istess Kodiċi Kriminali, iħallas is-somma ta' sitt mija u ħamsa u għoxrin Euro (€625) in linea ta' kumpens.

A tenur tal-artikolu 24 (2) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, applikabbli bis-sahha tal-imsemmi artikolu 532A tal-Kodici Kriminali, il-Qorti awtorizzat lill-imputat li jhallas is-somma ta' sitt mija u hamsa u ghoxrin Euro (€625) bin-nifs fi zmien massimu ta' hames (5) xhur, ossija b'pagamenti mensili ta' mhux anqas minn mija u hamsa u ghoxrin Euro (€125), bl-ewwel pagament ikun dovut fl-ewwel (1) ta' April u l-pagamenti jibqghu jsiru b'mod mhux interrott sakemm jithallas l-ammont shih.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Noel Abdilla, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-14 ta' April 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha **tħassar** s-sentenza appellata u tiddikjarah mhux ħati u konsegwentament tilliberah, u sussidjarjament jekk dan l-aggravju ma' jintlaqax, **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tvarjaha** fil-parti tal-piena inflitta billi minflok tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta għal każ odjern.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Noel Abdilla huma s-segwenti u cioè:-

Illi hija il-fehma umli tal-appellant li l-Ewwel Qorti ma setgħatx raġonevolment issib ħtija fil-konfront tal-appellant u dan għar-raġunijiet li ser jiġu hawn esposti;

i. **Illi, b'kull rispett, l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti u skartat it-teżi tad-difiża meta l-fatti juru b'mod ċar illi l-appellant ma huwiex responsabbli għall-inċident hawn fuq imsemmi.**

Illi referenza għandha ssir għad-dokument eżebit minn George Stagno Navarro, rappreżentant ta' Elmo Insurance Limited fit-22 ta' Jannar, 2019 u mmarkat bħala 'Dok GSN2', fejn id-deskrizzjoni tal-inċident mogħtija mill-appellant lill-soċjeta' assikuratriċi tiegħu Elmo Insurance fit-22 ta' Marzu 2018 hija 'Jien kelli *slow down* u ħariġli wieħed mill-*stop* u laqatni fuq wara u bqajt dieħel ġo faċċata tal-ħanut Merryland.'[1] Dan ġie kkonfermat wkoll mill-istess George Stagno Navarro fix-xhieda tieghu tal-14 ta' Novembru, 2020.[2]

Illi fis-seduta tal-14 ta' Novembru, 2020, George Stagno Navarro xehed wkoll kif ġej;

> *"emm dan il-klijent tagħna kellu aċċident, qala' daqqa minn wara, ġie mbuttat fuq faċċata ta' post emm umbagħad fil-fatt mar jagħmel rapport lill-Pulizija hu stess għax kelli kopja tagħha illi waqt li s-Sinjura e Pizzuto kienet qegħda l-Għassa, daħal hu wkoll biex jagħmel rapport..."*[3]

Fix-xhieda tat-18 ta' Frar ta' PS15 Cyril Butters li kkonferma kif ġej;

> *"E l-ħanut kien jismu qabel Maryland jekk mhux sejjer żball, fejn għamlet rapport u fil-frattemp li għamlet rapport u telqet ftit wara daħal persuna e mingħalija l-isem... Noel Abdilla fejn qal li huwa kien qed isuq il-karozza tiegħu e fi Triq il-Palma direzzjoni lejn, lejn Ħal Tarxien u e kien hemm karozza ma waqfitx leaqtet lilu u baqa' sejjer, speċi hit and run. E hu qal, tana... li karozza kbira u aktarx Honda u tana xi... tlett ittra ta' vettura e li meta ċċekkjajnihom e tnejn minnhom, waħda minnhom iċċekkjajniha ma kelliex daqqiet kompatibli ma' hit and run u l-oħra kien qalli: "Il-karozza qegħda fil-garaxx."*[4]

Meta ġie mistoqsi in kontro eżami, PS 15 għal darb'oħra kkonferma l-istess;

---

[1] Vide fol. 13 tal-proċess.
[2] Vide fol. 31 tal-proċess.
[3] Vide fol. 25 tal-proċess.
[4] Vide fol. 49-50 tal-proċess.

*"Dr Ivan Gatt: Jiġifieri għandi nifhem li l-imputat qallek li daħlet ġo fih karozza?*

*PS 15 Cyril Butters: Ija baqgħet sejra.*

*Dr Ivan Gatt: u minħabba hekk baqa' dieħel*

*PS 15 Cyril Butters: Huwa, huwa bil-, bil-*

*Dr Ivan Gatt: Bl-impatt.*

*PS 15 Cyril Butters: impatt żvija u daħal fil-faċċata tas-Sinjura Jane Pizzuto li l-ħanut*

*Dr Ivan Gatt: Il-karozza eżaminajtuha?*

*PS 15 Cyril Butters: Iva, kellha ħsarat il-karozza tiegħu."*

...

*Dr Ivan Gatt: u qalilkom, qalilkom bid-daqqa li, li, li sofra wara?*

*PS 15 Cyril Butters: ija mela.*

*Dr Ivan Gatt: u inti kont il-persuna li ħadet ir-rapport jew le?*

*PS 15 Cyril Butters: ir-rapport iva jien ħadtu.*

*Dr Ivan Gatt: Jiġifieri dak il-ħin stess rajtha l-karozza tiegħu?*

*PS 15 Cyril Butters: Iva mela."*

Fix-xhieda tagħha in kontro eżami tal-10 ta' Marzu, 2020, WPC 380 Lara Delia xehdet kif ġej;

"Difiża: *inti il Noel Abdilla tarfu hawn hekk*

*Xhud: iva mela*

*Difiża: u kellimtu dakinhar*

*Xhud: kellimtu kemm ħadtlu dettalji ta' x'ġara u ma ġarax*

*Difiża: ehe u x'qallek kif ġara l-inċident*

*Xhud: hu ikkonfermalna li daħal fil-faċċata ta' din il-persuna*

*Difiża: iktar minn hekk kif qallek li ġrat jiġifieri kien hemm terza persuna oħra semma xi persuna oħra li laqtitu minn wara*

*Xhud: hu qalilna li tilef il-kontrol u*

*...*

*hu qalilna kien hemm karozza ma jafx xini il-karozza*

*...*

*li daħal fuq wara*

*Difiża:* *il-karozza l-oħra laqtitu*

*Xhud:* *laqtitu minn wara u baqa' dieħel ġol-faċċata ta' din id-*

*Difiża:* *u inti dak x'preċiż qallek noel abdilla ux hekk*

*Xhud:* *ehe"*

Fix-xhieda tiegħu tal-10 ta' Novembru, 2020, Noel Cutajar xehed kif ġej;

"Qorti: *Mela ix-xhud qed jiġi muri, motor insurance claim form, tal-Elmo Insurance, li għandha numru 2, immarkat*

*Xhud:* *Id-deskrizzjoni qegħda, jien kelli slow down u ħariġli wieħed mill-istop u laqatni fuq wara, u bqajt dieħel ġo faċċata ta' ħanut.*

*Dr. I. Gatt:* *Sewwa, jiġifieri, inti mlejt dik il-formola, fuq*

*Xhud:* *Fuq li qalli hu. X'qalli hu.*

*Dr. I. Gatt:* *Issa, apparti dik, tista' telabora ftit, u tgħid, għad dak ktibtu f'żewġ sentenzi, tista' tispjega lill-Qorti, kif spjegalek li ġara l-inċident?*

*Xhud:* *Jekk niftakar sew, għax ilu żmien, illi xi ħadd laqtu fuq wara, tilef il-kontroll, u baqa' dieħel ġol-ħanut.*

*Dr. I. Gatt:* *laqtuh minn wara jiġifieri*

*Xhud:* *Xi ħadd, ma jafx min. Xi karozza hux."*

Illi fix-xhieda tiegħu tal-10 ta' Novembru, 2020 l-appellant Noel Abdilla ppreżenta stqarrija volontarja tiegħu datata 3 ta' Marzu 2018 u mmarkata Dok. NA1 li għamel quddiem il-Maġġur 860. Illi fl-istqarrija tiegħu, l-appellant iddikjara;

*"Ngħid li nhar l-Erbgħa, fil-17/01/2018, għal ħabta ta' 08:30hrs kelli ħabta Rħal Ġdid fi Triq Ħal Luqa, waqt li kont sejjer direzzjoni lejn il-Pjazza ta' Raħal Ġdid. Waqt li kont wasalt fejn il-Velmore kien hemm vettura li kienet qed tiġi misjuqa fi Triq il-Palma direzzjoni lejn Tarxien u din qabdet u ħarġet minn fuq l-Stop Sign, bil-konsegwenza li laqtitni fuq wara u jien tlift il-kontrol u bqajt dieħel ġo faċċata ta' ħanut li jismu Maryland. Ngħid li jien wara kelli shock kbir u kif rajt li la jien u lanqas ħadd ma kien weġġgħa, jien ħriġt mill-vettura tiegħi u minn*

*taħt l-għajn rajt lil dik il-vettura li laqtitni titlaq l-hemm. Ngħid li avolja ppruvajt nara x'tip ta' vettura hi u wkoll x'numru għandha, iżda jien ma rnexxieliex nara sew għax kollox sar fi ftit sekondi u min hu laħaq telaq l-hemm. Minħabba li kienet ġejja tal-linja u jien kont f'nofs ta' triq u fi ftit sekondi beda jinġemma t-traffiku jien ippanikjajt u wara li ppruvajt nistartja l-vettura jien mort il-bank għax kelli appuntament importanti... xi għoxrin minuta wara jien mort l-għassa Raħal Ġdid biex nagħmel rapport. Hemm kien hemm PS.15 u kont kellimtu rigward l-inċident li kont involut fih jien u hu kien informani li diġa hemm apport li sar mis-sid tal-ħanut Maryland. Hemm lil PS.15 kien ikkonfermali li hemm stop sign u wara kont tajtu d-dettalji kollha u nfurmajtu li aktarx l-vettura li kienet laqtitni kienet Honda Accord ta'kulur skur,. U aktar n-numru plate jibda GBW. Iżda minħabba li dan sar fi ftit sekondi, jien kont infurmajtu li miniex ċert bid-dettalji tal-vettura l-oħra. Fl-istess ħin kien hemm pulizija mara li bdiet tfittex ...*

*...*

*Filgħaxija jien kont ftehimt mat-tfajla tiegħi u morna lura fil-post tal-inċident biex naraw aħjar xi ġsarat hemm u ħadna wkoll xi ritratti tal-faċċata li sostniet il-ħsarat. Hemm indunajna li mal-ħanut tal-Velmore kien hemm xi cameras li waħda tagħti fuq il-bieb tal-ħanut u l-oħra li tinsab fuq ix-xellug tagħti għal cross road. B'hekk innutajt li din l-aħħar camera, dejjem jekk taħdem, kienet aktarx qabdet l-vettura li laqtitni żgur.*

*<u>Hemm dak in-nhar stess tal-inċident mort lura l-għassa biex navżahom ħabba l-cameras, iżda kont innutajt li s-shift kien inbidel, u kienu qaluli biex nikkuntatja l-Velmore jien u ninfurmah biex iżomm il-footage</u>. Huma kienu qaluli ma jistgħux jemmendaw ir-rapport.*

*<u>L-għada fil-18/01/2018 għal ħabta tad-09:30hrs, jien kont ċempilt lil tal-Velmore u kellimt xi sale girl u qaltli li kienet ser tikkuntatja lil manager tagħha biex ikellimni lura. Billi ma rċivejts xejn lura min għandhom l-għada 19/01/2018 għal ħabta tal-12:00 hrs kont erġajt ċempilt lil Velmore. Hemm avolja erġajt tajta d-dettalji dan ħadd ma kien ċempilli lura.</u>*

*<u>Xi ġimgħa wara, li kien fil-25/01/2018 għal ħabta tal-10:00hrs jien kont ċempilt l-għassa ta' Raħal Ġdid għal status update</u>, u xi ħadd mil-għassa stess kien qalli li sibnih u s-surġent kien qed jara l-estimates tal-ħsarat i kienet infurmatni li ser*

*ićempilli lura s-surġent stess. Stennejt ħamest ijiem oħra, u fit-30/01/2018, erġajt ċempilt l-għassa għal update ieħor, iżda minħabba li ma kienx hemm PS.15 kienu nfurmawni biex inċempillu lura l-għada, l-Erbgħa wara 20:00hrs jew l-Ħamis wara 14:00hrs.*

*Billi l-erbgħa għal-ħabta ta' 21:00hrs kont qed barra, mort personali l-għassa biex inkellem lis-surġent, u billi ma kien qiegħed hemm WPC 380 qaltli biex nistenna lis-Surġent. Wara xi siegħa PS.15 ġie lura, u wara li saqsejtu kif ser nibqgħu, dan ħariġli l-file u tagħni l-istima tal-ħsarat tal-faċċata tal-ħanut li jammonta għall Euro 1200. Jien kont infurmajtu jekk iċċekjawx l-camera, u hu kien qalli li meta marru għand tal-Velmore irriżulta li l-camera taġġti ġġal bankina, u wara li kont għidtlu jekk marrux għand ħwienet oħra, dan qalli li ma marx, u qalli li ser jipprova oħrajn bħal Tom Tailor u Izi Bet. Minħabba li ħallini bla kliem u ġabni f'dubju, jien talqt mil-għassa u mort fi triq tal-inċident biex nara l-cameras fejn juru.*

*Hemm indunajt li Izi Bet m'għandux x'jaqsam u Tom Tailor ma kellux cameras u min naħa tiegħi li għamilt hu li spezzjonajt it-toroq ta' fejn seta għaddiet dik il-vettura, biex nara jekk hemmx xi cameras li jidhru li jagħtu għat-Triq.*

*Hemm jien elenkajt diversi ħwienet u għaddejthom lil PS.15 meta kont għidtlu rigward l-Velmore, dan qisu nħassad u qallili issa ser jerġgħa jmur jiċċekja.*

*Is-sibt ta' dik il-ġimgħa kelli ftit ħin u li għamilt, hu li ċempilt il-ħwienet li kont elenkajt lil PS.15 u lil dawk li qbajt, kienu nfurwmawni li kienu ġew il-pulizija, iżda minħabba li kien tard u l-footage ġie mħassar għax għadda ż-żmien ma setawx juru xejn."*[5]

Barra minn hekk, fix-xhieda tiegħu l-appellant ppreżenta 'Dok NA2' sabiex jispjega kif ġara l-inċident u ddikjara kif ġej;

*Xhud: Għal ħabta tat-tmienja w nofs, jiena kont qed indur għall-pjazza ta'*

[5] Vide fol. 88-90 tal-proċess.

*Raħal Ġdid, bażikament, u, f'daqqa waħda, ħarġitli karozza minn fuq l-istop sign, li laqtitni fuq il-parti ta' wara tal-vettura tiegħi.*

*...*

*Bażikament, jiena tlift il-kontroll, f'nofs it-triq, u spiċċajt, tlajt, dħalt, tlajt il-bankina, u dħalt fil-faċċata ta' ħanut, Maryland.*

*Qorti: Allura inti qed tgħid, ir-raġuni ta' dan kollu, għax xi ħadd laqtek, u għax xi ħadd laqtek, tlift il-kontroll, imbagħad, inti għalhekk, il-karozza spiċċat kif spiċċat*

*Xhud: Eżatt. Jiena bażikament, wara li waqfet il-karozza, ħriġt minnha, biex nara xi ħsarat għandi, u nippruvax nara, min forsi kien li laqatni, nara jekk waqafx jew le, u nara jekk hux orrajt ukoll, anke hu, u bażikament, indunajt li din il-persuna baqgħet għaddejja. Ovvjament, dik it-triq, hija triq traffikuża ħafna, u kienet ġejja tal-linja, iċċekjajt li ma kelli xejn, fil-karozza jiġifieri, iċċekjajt li ma weġġa' ħadd, u li stajt nistartja l-karozza u ċaqlaqtha, biex immur l-għassa direttament, biex nagħmel rapport.*[6]

*...*

*Kif kont se ndur, u kont qiegħed f'nofs it-triq, ħarġet karozza minn fuq stop sign, u laqtitni fuq wara, jiġifieri, jiena kont għadni f'nofs it-triq. Ħaditni fuq wara, u dort, skidjajt ovvjament u dħalt fil*

*Qorti: ... Mela inti, l-intenzjoni tiegħek kienet, li xorta ddue għal fuq it-Triq Ħal Luqa, u inti u ddur, qed tgħid, li xi ħadd laqtek fuq wara.*

*Xhud: Ehe, u dak il-mument, ovvjament tlift il-kontroll.*

*Qorti: Issa, semmejt stop sign.*

*Xhud: Mela, fejn hemm l-ewwel sinjal aħmar, dak il-persuna kellu stop sign. In fatti, meta mort l-għassa nagħmel ir-rapport, li kienu, imbagħad qaluli, li kien diġa' nfetaħ ir-rapport, mis-sinjura Pizzuto, hu stess, il-pulizija, PS... 15, qalli li hemm hekk, hemm stop sign, u għidtlu, iva ikkonfermajtlu, li din il-persuna ħarġet, fuqi, minn fuq stop sign.*

[6] Illi l-appellant ftit minuti wara l-inċident mar l-Għassa tal-Pulizija sabiex jirrapporta l-inċident – dan ġie kkorroborat fix-xhieda ta' Jane Pizzuto fit-18 ta' Frar, 2020; "Mort ngħid lis-Surġent, qalli: "Jekk ikollna dan," qalli: "dan" u fil-ħin mar hu jirrapporta," kif wkoll fix-xhieda tat-18 ta' Frar ta' PS15 Cyril Butters li kkonferma kif ġej; "Mela e nhar is-sbatax ta' Jannar two thousand eighteen e kienet ġiet e s-Sinjura Jane Pizzuto l-Għassa tar-Raħal Ġdid fejn għamlet rapport li xi ħadd daħal fil-faċċata tagħha. E l-ħanut kien jismu qabel Maryland jekk mhux sejjer żball, fejn għamlet rapport u fil-frattemp li għamlet rapport u telqet ftit wara daħal persuna e mingħalija l-isem... Noel Abdilla ..."
Meta ġie mistoqsi in kontro eżami, PS 15 għal darb'oħra kkonferma l-istess; "Iva mela. Fil-fatt, hu ġie ftit wara li telqet is-Sinjura Pizzuto mill-Għassa. Jiġifieri fuq rapport wieħed. Ir-rapport qiegħed imniżżel fuq Jane Pizzuto imma mbagħad il-peruna relatata e l-vittma biex niftehmu... Kien imniżżel huwa, Noel Abdilla."

*Jiġifieri, jiena li kont qiegħed ndur, minn fuq slow, ħarġet persuna fuqi, minn fuq stop sign, u laqtitni fuq wara, u ovvjament, tlajt u dħalt.*[7]

Illi x-xhieda msemmija hawn fuq prodotta tikkonferma l-istess sekwenza ta' 'avvenimenti fil-jum ta' l-inċident u ma tħalli l-ebda dubju raġonevoli dwar dak li ddikjara l-appellant fl-istat ta' 'stat tiegħu u fix-xhieda tiegħu.

Illi fil-konsiderazzjoni tagħha, l-Ewwel Qorti wkoll qieset li:

*"Mill-provi, fil-fatt ma jirriżultax li l-imputat għamel xi manuvra avventata li wasslitu biex daħal fil-faċċata tal-parte ċivile. Għall-kuntrarju, mill-istess provi jirriżulta li l-imputat kien merament qed isuq fi Triq il-Palma dieħel għal Triq Ħal-Luqa meta persuna terza injota laqtitu bil-vettura tagħha fuq in-naħa ta' wara tal-vettura misjuqa mill-imputat, dawwritu iħares aktar lejn il-bini fejn hemm il-ħanut tal-parte civile, u b'riżultat t'hekk laqat l-istess faċċata.*

*Hawnhekk din il-Qorti trid teżamina jekk l-imputat kellux, fil-mument tal-akkadut, intenzjoni indiretta negattiva li tammonta għal negliġenza jew għal casus. M'hemmx dubju li l-kontinġenza tat-traffiku jistgħu jkunu subitanei u inaspettati u l-posizzjoni fejn seħħ l-inċident, m'hemmx dubju li huwa wieħed minn dawk il-postijiet fejn il-konfigurazzjonijiet tat-toroq jagħtu lok għal moviment prekarji mis-sewwieqa li jkunu għaddejjin minn hemm."*[8] *...*

*Fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti tqis li kien hemm negliġenza kontributorja ta' persuna terza mhux identifikata – jew aħjar –* ***ta' akkadut li xehed dwaru bil-ġurament l-imputat li ma jidhirx li huwa kontestat.*** *" (enfasi miżjuda)*

Illi, in vista tal-fatti suesposti ikkonfermati mix-xhieda prodotti, l-Ewwel Qorti ma

[7] Vide fol. 81-84 tal-proċess.
[8] Vide paġna 10 tas-sentenza.

setgħet qatt b'ċertezza jew lil hinn minn kull dubju raġonevoli ssib lill-appellant ħati f'dawn iċ-ċirkostanzi.

Madanakollu, l-Ewwel Qorti kompliet billi ddeċidiet illi "Konsegwentement, minn dak kolly pprovat f'dan il-każ, din il-Qorti tqis li l-imputat kien tassew negliġenti meta baqa' dieħel fil-faċċata tal-ħanut tal-parte ċivile Pizzuto, iżda **l-inċident ċertament seħħ b'kontribuzzjoni ta' terza persuna injota li daħlet fil-vettura tal-imputat Abdilla**" (enfasi miżjuda). Illi bl-umiltà l-appellant isostni li jekk l-Ewwel Qorti kienet 'ċerta' li terza persuna kienet ikkawżat lill-appellant jaħbat fil-ħanut tal-parte civile, hija ma setgħetx issibu responsabbli ta' negliġenza.

Illi in oltre, huwa importanti li wieħed jinnota li l-appellant ma kienx, kif indikat mill-Ewwel Qorti, isuq fi Triq il-Palma dieħel għal Triq Ħal-Luqa; kif indikat mill-preżentazzjoni li ħejja fuq l-estratt mill-*Google Maps*,[9] l-appellant kien ġej minn Triq Ħal Tarxien sejjer direzzjoni lejn il-Pjazza ta' Raħal Ġdid u ċioe, fi Triq Ħal Luqa. Barra minn hekk, l-Ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet tagħha kompliet kif ġej;

> "*Mill-preżentazzjoni li ħejja fuq l-estratt mill-Google Maps jindika li t-terza persuna baqgħet sejra dritt fi Triq il-Palma, li għalhekk jista' jfisser li l-vettura tal-imputat seghtet laqtitielu biss mill-ġenb, għalbiex minn wara, u konsegwentement dawrittlu d-direzzjoni u ppuntatielu aktar lejn il-bini, bil-konsegwenza li daħal fil-faċċata tal-ħanut tal-parte civile Pizzuto*"

Illi l-appellant umilment jissottometti illi dan ma huwiex minnu stante li, kif spjega fix-xhieda tiegħu u kif indikat fil-preżentazzjoni li ħejja fuq l-estratt mill-*Google Maps*,[10] t-terza persuna kienet qed issuq fi Triq il-Palma direzzjoni għal Tarxien, u mhux kif ikkunsidrat l-Ewwel Qorti.

Illi barra minn hekk, fid-deċiżjoni tagħha l-Ewwel Qorti kkunsidrat li l-appellant ma ġabx prova ta' CCTV camera footage biex jappoġġja d-dikjarazzjoni tiegħu. Fl-umli

[9] Vide fol. 91 tal-proċess.
[10] Vide fol. 91 tal-proċess.

opinjoni tal-appellant, għandha ssir referenza għax-xhieda u d-dikjarazzjoni li ġejjin;

Illi fix-xhieda tiegħu tal-10 ta' Novembru, 2020 l-appellant Noel Abdilla kompla kif ġej;

*Dr I. Gatt:* *Mela inti, wara l-inċident, għamilt xi ħaġa, biex tipprova tfittex, jew tindaga, min kienet din it-terza persuna li laqtitek?*

*Xhud:* *Ehe, mela, x'ħin kont fil-karozza, ovvjament, provajt inħares fil-mera, biex nara min seta' kien, jew nieħu forsi, xi number plate, biex forsi jinstab min kienet din il-persuna, ovvjament, f'mument ta' paniku, mhux li kont ċarissimu, in fatti ma lħaqtx ħadt in-numru eżatt, u, ovvjament dan kollu għidtlu lill-pulizija, u wkoll, saqsejt lill-pulizija biex forsi jiċċekjaw xi cameras, forsi tinstab din il-persuna,*

*Dr. I. Gatt:* *Il-pulizija għamlet xi ħaġa, jew informatek, jew kellha xi CCTV cameras dawk l-inħawi?*

*Xhud:* *mela, dak inhar tal-inċident stess, filgħaxija, niftakar kont mort mat-tfajla tiegħi, fuq il-post, u morna niċċekjaw l-area, biex naraw jekk hemms CCTV, minħabba l-fatt li ma kienux qaluli jekk hemmx jew le, għax mhux ħa jkunu jafu, off hand. U kif rajna li kien hemm camera tal-ħanut Valmor, jiena mort l-ewwel l-għassa jiġifieri, dan kien filgħaxija tal-istess ġurnata, mort l-għassa, u għidtilhom biex jiċċekjaw, ħallejt risposta, biex jiċċekjaw il-camera tal-ħanut Velmor.*

*Dr. I. Gatt:* *Tawk xi risposta?*

*Xhud:* *Le, risposta ma tawnix, anzi, pjuttost bdejt niġri warajhom, biex tipo naraw qisna f'hix qegħdin. In fatti, tlabt status update, xi ġimgħat wara, u bażikament, u kull ma qaluli, li l-cameras ta' Velmor, ma jgħatux fi triq, u allura ma setax jinqabad min kien. <u>Jiena, ukoll, dak inhar stess, meta qaluli, tipo, li l-cameras ma kienux tajbin, mort dak il-ħin stess niċċekja cameras li qegħdin fit-triq, indikati kemm lill-pulizija fir-rapport, minn fejn kienet ġejja l-karozza, u tajthom il-lista tal-ħwienet li kellhom CCTV cameras oħra, li setgħu jiċċekjaw biex tinqabad il-persuna.</u>*

*Spt. S. Zerafa: Fir-rapport hawn imniżżel, illi inti tajt xi ittri lill-pulizija. Xi tgħid dwar dan? Tajthom l-ittri – golf bravo whisky, u kienu ta' karozza honda. Sewwa tikkonferma?*

*Xhud: Iva, nikkonferma li tajthom dawk l-ittra mill ftit li nitakar. Ovvjament, dan l-inċident ġara f'daqqa, il-persuna ħabtet ġo fija baqgħet sejra u mill-ftit, jiġifieri, ovvjament aktar kemm tkun il-bogħod il-karozza, aktar ħa jidhru żgħar, jiġifieri, dana ma stajtx naqbadhom bl-eżatt il-kliem, jiġifieri, li stajt niftakar li setgħet kienet GBW, jiena għidtilhom li setgħet kienet, imma m'inix 100% ċert, u <u>għalhekk tlabt lill-pulizija, biex tipprova televa l-footage tas-CCTV, minħabba l-fatt, li forsi, kienet tinqabad il-persuna.</u>*

*Spt. S. Zerafa: U kienu tawk risposta fuq dawn, jekk kienux iċċekjaw dawn l-ittri?*

*Xhud: Le, ara, bażikament, ehe, fuq l-ittri, dak il-ħin stess, kienu qaluli li mhux huma, imma update, <u>rigward il-footage tas-CCTV, wasal l-update, għax mort jiena nistaqsi għall-update</u>, jiġifieri, għax ħadd ma kien ċempilli, li sar dak il-progress."*[11]

Illi dan ġie kkonfermat fix-xhieda tat-18 ta' Frar ta' PS15 Cyril Butters;

> *"Jiġifieri mbagħad xi jumejn wara kienu ġew e Noel Abdilla u t-tfajla tiegħu u tawni lista ta' aw ta' CCTVs li hemm ġo Triq Palma. Aħna konna morna, forsi kien elapsja ż-żmien li ċertu ħwienet e ma jżommux daqshekk CCTVs jiġifieri u ma rriżutalna xejn."*[12]

Meta ġie mistoqsi in kontro eżami, PS 15 għal darb'oħra kkonferma l-istess;

> *"Dr Ivan Gatt: Ara tiftakarx li qalilkom ukoll biex tiċċekjaw is-CCTV cameras?*
>
> PS 15 Cyril Butters: Xi jumejn, xi jumejn meta kont fin-night watch, kien ġie fin-*night watch.*

[11] Vide fol. 85-87 tal-proċess.
[12] Vide fol. 50 tal-proċess.

| | |
|---|---|
| *Dr Ivan Gatt:* | *U l-iskop tagħha għaliex qallek hekk?* |
| *PS 15 Cyril Butters:* | *Kien tani, qalli: "Hemm xi CCTVs."* |
| *Dr Ivan Gatt:* | *Imma għalfejn qallek hekk? Jiġifieri biex taraw* |
| *PS 15 Cyril Butters:* | *Biex naraw,* |
| *Dr Ivan Gatt:* | *jekk hux hekk karozza jew inkella* |
| *PS 15 Cyril Butters:* | *biex naraw il-vettura, il-vettura msemmija li semma hu għax dan ma tistax tgħid... Dan biex naraw il-karozzi li għaddew minn hemmhekk.m biex tara l-karozzi li għaddew minn hemmhekk trid tevalwa, trid tevalwa liema vettura laqtitu għax hemmhekk Triq Palma hija triq viabli kollha u jgħaddu diversi vetturi. Ma tistax tgħid ħa tara l-karozza fejn ħabtet.* |
| *Dr Ivan Gatt:* | *Malli għamel dan ir-rapport intom esegwejtuh daqsxejn?* |
| *PS 15 Cyril Butters:* | *Bgħatt, bgħatt in-nies biex jaraw is-CCTVs.* |
| *Dr Ivan Gatt:* | *U x'irriżultalek minn dan?* |
| *PS 15 Cyril Butters:* | *Kine hemm diversi minnhom anqas biss is-CCTV. Kienet just finta. Fil-fatt qegħdin imniżlin fuq ir-rapport kollha.* |
| *Dr Ivan Gatt:* | *U ngħid sew li fil-fatt ħassu urtat* |
| *PS 15 Cyril Butters:* | *Iva.* |
| *Dr Ivan Gatt:* | *li m'għamiltux xogħolkom* |
| *PS 15 Cyril Butters:* | *Hu qal li m'għamilniex xogħolna pero allright?* |
| *Dr Ivan Gatt:* | *Hu ħass li ma għamiltux sew u fil-ħin.* |
| *PS 15 Cyril Butters:* | *Hekk qal. Jista' jkun kulħadd jista' jagħmel żball pero' ix-xogħol sar, min-naħa tagħna sar ix-xogħol.* |
| *Dr Ivan Gatt:* | *L-efforts li għamel hu biex jipprova jsib il-vettura l-oħra.* |
| *PS 15 Cyril Butters:* | *Ija. Fil-fatt kif eżatt għamel ir-rapport huwa bdejna l-isforz tagħna...* |
| *...* | |
| *PS 15 Cyril Butters:* | *kien hemm naqra misunderstanding rigward is-CCTVs għax huwa ifhimni kollu santu ċajt huwa sofra d-danni mingħand xi ħadd li baqa' sejjer. Jiġifieri mhux qed ngħid li għandu t-tort huwa..."*[13] |

[13] Vide fol. 53-57 tal-proċess.

Illi, għaldaqstant, u bir-rispett kollu, l-appellant m'għandux ikun responsabbli minħabba li l-filmati tas-CCTV cameras ma nkisbux fil-ħin sabiex ikun jista' jippreżentah fil-kawża. L-isforzi tiegħu biex jikseb il-filmati għandhom madankollu jingħataw piż fil-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti minħabba li juru biċ-ċar l-intenzjonijiet tal-appellant sabiex jipprova li finalment huwa ma kienx responsabbli għall-inċident.

Illi in oltre, kwalunkwe offerta li l-kumpannija assikuratriċi tal-appellant għamlet lill-parte civile Pizzuto sabiex tħallas l-ħsarat ma kellha jkollha l-ebda piż fuq id-deċiżjoni li għandha tittieħed mill-Ewwel Qorti peress li din kienet, kif deskritta mill-Ewwel Qorti stess, ta' natura ċivili.

Illi, hija l-umli opinjoni tal-appellant li l-Ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet u fid-decizjoni taghha għandha tagħraf li kwalunkwe azzjoni ċivili hija totalment distinta u separata minn dik kriminali, u azzjoni waħda ma tiddependix minn oħra. Il-prosegwiment ta' kawża fi tribunal wieħed m'għandux jiddependi minn x'jigri jew ma jigrix quddiem tribunal iehor li ghandu gurisdizzjoni u kompetenza separata u distinta.

Illi, in vista tas-suespost, l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt ikollha livell ta′ prova sal-konvinċiment morali li l-appellant wettaq ir-reat lilu addebitat.

**ii. Inoltre l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-imputazzjoni stante li ma resqet ebda provi dwarhom**

L-Ewwel Qorti kompliet in effett ikkonsidrat illi ″Fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti tqis li kien hemm negliġenza kontributorja ta′ persuna terza mhux identifikata – jew aħjar – <u>**ta′ akkadut li xehed dwaru bil-ġurament l-imputat li ma jidhirx li huwa kontestat.**</u>″ (enfasi miżjuda)

**iii. Illi bla ħsara u preġudizzju għas-suespost, l-appellant iħoss li l-piena inflitta**

**ta' multa ta' mitt Euro u sitt mija u ħamsa u għoxrin Euro in linea ta' kumpens, hija waħda eċċessiva u mhux idenoea fiċ-ċirkostanzi, tenut kont illi huwa ikkopera fl-investigazzjoni mill-Pulizija u ta' kull informazzjoni dwar l-inċident, u fuq kollox għandu fedina penali netta u dan l-inċident huwa l-ewwel darba li l-appellant rifes l-għadba ta' Għassa tal-Pulizija.**

Salv aggravji oħra;

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2021.

Ikkunsidrat.

L-aggravju principali ta' l-appellant jirrigwarda l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi. In materja ta' apprezzament ta' provi, pero`, gie kostantement ritenut li huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[14]

[14] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa,** 16 ta' Ottubru 2003**; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba,** 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris,** 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammi**t, 31 ta' Mejju 1991

**F'Blackstone's Criminal Practice 2001** imbaghad naqraw ukoll[15]:

> "*The case of Cooper [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):*
>
> *[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere.*
>
> *Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.*
>
> *However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'.*"

[15] para. D22.15 pagna 1622

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt</u>** [16], intqal hekk:

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament.Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lillversjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "safe and satisfactory" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Mhar it-22 ta' Jannar. 2019 deher George Stagno Navarro in rappresentana tas-socjeta assikruatrici Elmo Insurance u esebixxa tlett dokumenti li gew markati bhala dok GSN 1 certifikat of Motor Insurance, GSN 2 Motor Insurance Claim Form u GSN3 li hija quotation. F'dik l-istess seduta l-Qorti giet infurmata li l-parte civile kienet qed

[16] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru, 1994

tippretendi li tigi mhalsa  s-somma ta' €1,215 kif deskritti fid-dokument eebit fl-atti a fol 15, 16 u 17.

Illi nhar l-14 ta' Novembru, 2019 l-istess rapresentant George Stagno Navarro xehed u spjrga li l-klijent taghhom Noel Abdilla l-akkuzat sewwieq tal-vettura tal-ghamla Volkswagen Polo numru ta' registrazzjoni IBN 232 kien qala daqqa minn wara u gie imbuttat fuq faccata ta' post  u wara mar jghamel rapport l-ghassa hu stess ghax kellu kopja tar-rapport li kien ghamel u dan sehh waqt li is-sinjura Pizzuto kienet qeda l-ghassa taghmel ir-rapport taghha ukoll.

Spjega li hija kienet qed titlob danni li l-fehma tieghu kienu eccessivi  u s-socjeta assikurtrici offrietilha li thallasha s-somma ta' €450 waqt li Pizzuto kienet qed titlob €1,215. Qal li fil-fatt fil-faccata kien hemm id-danni li kienu hemm minn qabel u ghandu ritratti biex jipprova dan u fil-fatt gibed ritratt mill-Google Maps u esebiha liema dokument gie markat bhala dok GSN4. Minn esami ta' dan ir-ritratt jista jigi notat li gja kien hemm hsarat fil-faccata. Huwa esebixxa ritratt iehor li gie markat bhala dok GSN 5 li jindika l-hsarat pre esistenti ghal dan l-incident. Huwa mmarka l-parti gdida tal-hsarat bl-ittra 'A' u dawk esistenti qabel dan l-incident bl-ittra 'B'.  Spjega l-offerta ta' €450 kienet ghada valida u tiswa skond id-dokument esebit u markat bhala dok GSN 6.

Mistoqsi x'kien qallu l-klijent akkuzat jghid li: " *Jiena kelli slow down u harigli wiehed mill-istop sign, laqatni fuq wara u bqajt diehel gol-faccata."*

 Illi nhar it-18 ta' Frar, 2020 rega xehed u mistoqsi jekk sarx xi pagament in konnessjoni ma din il-habta jghid li ma sarx. Hadd ma kien resaq biex jiehu l-offerta li kienu ghamlu u illum il-gurnata l-azzjoni hija preskritta ghax ghaddew s-sentejn. Huwa pprezenta dokument iehor li gie markat bhala dok GSN 7.

**Jane Pizzuto** xehdet nhar it-18 ta' Frar, 2020 u kkonfermat li kienet ghamlet rapport l-ghassa u spjegat li tiftakar li kien jum is-Sibt fix-xahar ta' Jannar tas-sena 2016 jekk tiftakar sew  ghall-habta tat-8.30p.m u semghet hoss kbir mal-faccata tal-hanut 83, Piazza Antoine de Paule, Paola. X'hin semghet il-hoss harbet tigri fuq fil-gallerija u rat karozza fil-faccata. Wara ftit nizlet halli tkellem id-driver u dan sparixxa. Taf pero li

d-driver kien ragel. Il-vettura kienet tal-ghamla Volkswagen blu proprjeta ta' Noel Abdilla. Marret tinzel l-ghassa biex tkellem lis-surgent.

Qalet li gibdet nurmu ta' ritratti u marret ghand is-socjeta assikuratrici biex tigbor il-flus tal-hsarat li sofriet. Mistoqsija kif baqghet fir-rigward tal-hsarat tghid li kienet hi li kahelt il-hitan. Peor ghandha is-shutter u l-vetrina ta' wara imksira. Kul ma ghamlet kien li kahlet biex ma jkunx hemm itkar hsara.

**PS 15 Cyril Butters** xehed nhar it-18 ta' Frar 2020 u kkonfermali kien stazzjonat ll-ghassa njar is-17 t jannar 2018 u kieent marret is-sinjura pIzzuto ughamelt rapport li x hadd kien dahal fil-faccata taghha. Il-hanut kien jismu Maryland. Wara li ghamelt ir-apport telqet 'lhemm u fil-pront jasal Noel Abdila li kien qed isuq il-kaozza u stqarr li kien hu li laqat il-akrozza tieghu . Huwa kien fi Triq Palma dirzzjonilejn Hal Tarxien u kien hemm karozza li mawaqfitx laqtet lilu u baqghet sejra speci ta' hti and run. Qal li dan kien tahom tlett numru ta' karozza li qallu li kient kbira bhala Honda u meta ghmel il-verifiki tieghu sab li karozza wahda ma kellhiex hsarat u mea tkellem ma sid karozza ohra likellha dawn l-ittri li kien tahom l-akkzuat sidha qal li kient fil-garage.

Jghid li juejn wara kien mar l-akkzuat mat-tfajla u tawh lista tac- CCTV's li hemm fi Triq il- Palma izda meta marru biex jarawhom kien ghadda wisq zmien u il-filmat ma inzammx. Qallu ukoll li setghet kienet BMW. Qalu li dan il-kaz ma jistax jigi solvut minhabba traskuragni kbira tant li anke baghtu ghalih tal-Internal Affairs fuq dan ir-rapport. Ikkonferma li l-akkuzat qalu li kien hemm karozza li dahlet go fih, bl-impatt zvija u dahal fil-faccata tas-sinjura Pizzuto. Mistoqsi jekk ezaminax il-vettura jghid li iva mistoqsi jispjega fejn kienu dawn il-hsarat jghid li ma jiftakarx pero fuq quddiem kien hemm zgur. Qak li fuq quddiem kien hemm daqqa zgur izda fir-rapport hemm miktub li qala ukoll daqqa fuq wara pero mistoqsi jekk jiftakarx x'tip ta' daqqa kienet jghid li ma jafx. Mistoqsi jekk jafx li l-appellant kien dispjacut kif kien gie investigat dan il-kaz pero huwa qal li huma ghamlu l-almu taghhom. Spjega li ghandu ragun l-akkuzat ihossu urtat ghaliex huwa sofra danni minghand persuna li baqghet ghaddejja.

**Noel Mizzi** xehed nhar l-10 ta' Marzu, 2020 u jghid li sentejn qabel ma gie ismejjah jixhed kien gie mitlub jaghti quotation a fol. 15 lil wahda mara peress li kien dahal

bil-karozza fil-faccata taghha u taha l-quotation. Muri ritratt jghid li dik il-faccata kellha titkahhal titbajjad. Qal li dak id-dokument f 'isem Mizzi Ccnstructions Finishes hargu hu. Mistoqsi jghid l-indirizz tal-fond ta' dan il-post jghid li dan jinsab fil-piazza ta' Rahal Gdid.

**WPC 380 Lara Delia** xehdet nhar l-10 ta' Marzu, 2020 u spjegat li hija kienet l-ghassa tal-pulizija ta' Rahal Gdid nhar is-17 ta' Jannar, 2018 meta Jane Pizzuto marret taghmel rapport li xi hadd kien dahlilha fl-faccata taghha. Ftit wara kien mar Noel Abdilla biex jaghmel rapport u halliet kollox f'idejn is-surgent. Qalet li hija tkelmet ma l-akkuzat u tghid li dan qallha li kien tilef il-kontrol tal-vettura tieghu u dahal fil-faccata ta' Pizzuto. Qalilhom li kien hemm karozza li ma kienx jaf l-ghamla taghha li dahlet fuq wara tal-vettura tieghu u b'hekk bhala rizultat baqa' diehel fil-faccata tal-fond fi Piazza Antoine de Paule, Paola. Mistoqsija jekk investigatx dak li qallha l-akkuzat tghid li halliet kollox f'idejn is-surgent.

**Vince Spiteri** xehed u spjega li darba minnhom pero meta ma setax jghid kienet cemplitlu is-Sinjur Pizzuta u talbitu imur jara il-vetrina taghha u sabha miksura u talbitu biex itiha stima. Muri id-dokument Vin aluminium esebit fl-atti ighid li dak id-dokument kitbu hu. Mistoqsi jekk sewwix din il-vetrina jghid li le. Ra li kien hemm aluminium mghawweg u hgieg miksur. Dwar is-shutter mghawweg jghid li ma ghandux x'jaqsam.

**Ivan Bajada** xehed nhar l-10 ta' Novembru, 2020 u muri id-dokument bit-titolu Alfred Baldacchino Ltd jghid li din hija stima mahruga minnu ghal sinjura Pizzuto fuq tiswija ta' roller shutter u din tinkludi tibdiliet ta' parts li huma danneggjati. Ikkonferma li l-hsara kienet tiswa €250.

**Noel Cutajar** xehed nhar l-10 ta' Novembru, 2020 u jghid li huwa jahdem bhala intermedjajru ma Elmo Insurance u kkonferma li l-akkuzat kien mar ghandu biex jiftah il-claim wara dan l-incident. Dwar il-claim form qal li kien hu li imliha fuq dak li qallu l-akkuzat. Spjega lil-akkuzat kien qallu li xi hadd kien laqtu fuq wara, tilef il-kontrol u baqa' diehel f'hanut. Jghid pero li l-akkuzat ma jafx min kien laqtu. Qal li imbaghad kien baghat is-surveyors tal-Elmo biex jaraw il-hsarat li kellu.

L-**akkuzat Noel Abdilla** xehed minn rajh u minn jeddu nhar l-10 ta' Novembru, 2020. Huwa jghid li nhar is-17 ta' Jannar, 2018 waqt li qed ihares lejn id-dikajrazzjoni li kien ghamel lil Maggur 860 u li kopja taghha qed tigi esebita u markata bhala dok NA1. Qal li huwa kien qiegehd idur fejn hemm il-vleggeg il-blu. Huwa esebixxa dokument li gie markat bhala dok NA2 li tindika pjanta li nizzel mill-Google Maps minnu dwar fejn sehh l-akkadut. Qal li l-vleggeg homor huma ta' karozza li ma jafx min kien is-sewwieq waqt li l-vlegeg suwed jirrappresentaw il-vettura misjuqa minnu. Huwa kien sejjer lejn Rahal Gdid. Jghid li ghall-habta tat-8.30 p.m kien ser idur lejn il-piazza ta' Rahal Gdid u f'daqqa wahda harget karozza minn fuq l-istop sign u laqtitu fuq il-parti ta' wara l-vettura tieghu. Huwa tilef il-kontol f'nofs ta' triq u spicca tela l-bankina u dahal fil-faccata ta' hanut bl-isem Maryland. Qal li r-raguni ghaliex laqghat il-hanut kien ghaliex xi hadd kien laqtu qabel u bhala rizultat kien tilef il-kontroll tal -vettura. Jghid li mal-habta nizel mill-karozza biex jara id-daqqa li kien qala u biex jipprova jara min kien is-sewwieq li kien laqtu izda nnota li dan kie nbaqa' sejjer. Dik hija triq traffikuza u ghalhekk caqlaq il-vettura u mar dritt l-ghassa biex jghamel ir-rapport. Qal li waqt li kien ser idur harget karozza minn fuq *stop sign* u laqtitu fuq wara u dan meta kien ghadu f'nofs it-triq. Haditu fuq wara u dar, skidja u dahal fil-faccata.

Qal li meta spjega l-incident li PS 51 dan qallu li hemmhekk kien hemm stop sign u fil-pront wiegbu li s-sewwieq ma waqafx izda harget ghal fuqu. Huwa kien qed isuq minn fuq is-slow waqt li harget persuna ghal fuqu minn fuq *stop sign* u laqtitu fuq wara u ovvjament telgha il-bakina u dahal fil-faccata.

Qal li wara l-habta ipprova ihares mill-mera biex jara jekk setax igib in-number plate tal-vettura li dahlet go fih izda fil-paniku ma kienx qed jara car u ma lahaqx ha n-numru. Dan kollu qalu lill-pulizija u fil-fatt kien anke qal lill-pulizija biex jiccekkjaw xi CCTV cameras sabiex forsi tinstab il-persuna. Fil-fatt dakinahr stess kien mar mat-tfajla tieghu jaraw l-ekwati biex jara jekk kienx hemm xi CCTV u ra li kien hemm wiehed fuq il-hanut Valmor u kien mar l-ghasa bi xjinfurmhom dwar dan biex jiccekjaw il-filmati . Peor ma tawhx rispota u beda jigri warajhom. Jghid li gimghat wara qalulu li ic CCTV tal Velmor ma jtux fit-triq u ghalhek ma setax jinqabad min kien li sahal go fih. Ikkonferma li l-ittra tar registration plate li ta' l-pulizija kienu GBW u qallhom lkienet tal ghamla Honda izda ma kienx cert u ghalhekk talab lill-pulizija

bie televa xi filmati mill-ekwati. Jghid ukoll i qalulu li l-Hnda b'dawk l-ittra ma kellhiex daqqiet fuqha.

Ikkunsidrat.

Illi mill-provi prodotti jirrizutla is-segwenti:-

1. Illi nhar is-17 ta' Jannar, 2018 l-akkuzat waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu tal-ghamla Volkwagen Polo numru ta' registrazzjoni IBN 232 dahal fil-faccata tal-hanut ta' Jane Pizzuto u dan ghall-habta tad 09.00a.m
2. Illi skond ix-xhieda ta' Noel Abdilla li ma hiex kontestata dan sehh ghaliex kien hemm vettura li harget minn Triq il-Palma direzzjoni lejn Tarxien u harget minn fuq stop sign ghall-gharrieda waqt li huwa kien ghadu kif hareg minn fuq go slow u tatu daqqa fuq il-wara tal-vettura tieghu u bhekk tilef il-kontrol tela l-bankina u spicca imkahhal mal-faccata tal-fond ta' Pizzuto.
3. Illi dan kollu sehh f'lehqa ta' berqa tant li l-akkuzat lanqas kellu l-hin jiehu n-numru tal-pjanci tal-vettura li laqtitu.
4. Illi minnufih wara l-incident l-akkuzat mar l-ghassa jghamel rapport u sab lil Pizzuto taghmel rapport ukoll.
5. Jirrizulta li t-terza persuna ghosfrot minn fuq ix-xena u ma kien hemm hadd li ha d-dettalji taghha u ghalhekk ma ingabtix biex tixhed.
6. Pizzuto ma rat xejn minkejja li kienet gewwa f'darha izda semghet hoss qawwi u harget fil-gallerija u rat il-vettura tal-akkuzat mahbuta fix-shutter taghha. Ghalhekk mhiex xhud okulari tal-incident.
7. Illi huwa talab lill-pulizija televa xi filmati minn fuq CCTV's fl-ekwati pero ma gew elevati l-ebda filmat.
8. Illi l-akkuzat ghamel claim mas-socjeta assikuratrici tieghu u fil-fatt kienu lesti li ihalsu lil Pizzuto is-somma ta' €450 *in full and final settlement* izda din ma accettaatx ghaliex kienet qed tippretendi somma ferm ikbar.
9. Illi ma kien hemm hadd li ra l-incident isehh jew jara lill-akkuzat isuq qabel ma sehh l-incident in desamina.

Ikkunsidrat ulterjorment

Illi fl-ewwel lok inghad li din il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti meta tghid li s-socjeta assikuratrici waslet biex thallas almenu parti mill-hsarat jindika li assumiet it-tort tal-akkuzat. Dan mhux minnu ghaliex mill-provi ma jirrizultax x'tip ta' polza ta' sigurta kellu l-akkuzat u jekk kienet wahda *fully comprehensive* allura is-socjeta assikuratrici ghandha dan l-obbligu impost fuqha li thallas il-hsarat kagunati mill-assikurat taghha. Minn esami tal-okkorenza esebita fl-atti u mix-xhieda ta' George Stagno Navarro ma jirrizultax x'tip ta' polza kellu l-akkuzat u ghalhekk din l-affermazzjoni maghmula mill-ewweel Qorti fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz hija skoretta.

Huwa minnu kif stqarret l-ewwel Qorti li kien l-akkuzat li kkaguna l-hsarat subiti minn Jane Pizzuto fil-faccata taghha pero dan mhux bizzejjed trid tara jekk tali hsarat kienx xi rizultat ta' dolo jew culpa min naha tal-akkuzat. Jigifieri din il-Qorti trid tara jekk il-prosekuzzjoni irnexxilhiex tipprova in-nexus bejn is-sewqan tal-akkuzat u l-hsarat kagunati minnu u cie jekk ghandux jinstab hati talli kkaguna dawn l-hsarat meta dan sehh ghaliex tilef il-kontrol minhabba daqqa li huwa qala minn terz injot fuq il-wara tal-vettura li kien qed isuq.

Irizulta ukoll li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta qalet a fol. 10 tas-sentenza taghha li kien l-akkuzat li kien qed isuq il-vettura tieghu fi Triq Palma diehel ghal Triq Hal Luqa ghax fil-fatt kien it-terz injot li kien qed isuq f'din it-triq .Skond l-akkuzat li ma giex kontestat huwa kien qed isuq fi Triq Hal Luqa sejjer lejn id-direzzjoni ta' Piazza ta' Rahal Gdid kif rapportat fl-okkorenza minnu. L-akkuzat jirraporta fl-okkorenza li l-impatt sehh proprju meta wasal fl- incrocju ta' hdejn Tom Taylor li it-terz injot dahal go fih ghall-gharrieda ghaliex hareg minn fuq *stop sign* u bhala konsegwenza tal-impatt huwa dahal fil-faccata tal-hanut.

Jirrizulta ukoll li l-ewwel qorti ikkummentat li l-akkuzat naqas li jressaq prova li l-vettura tieghu kellha hsarat fuq wara. Jigi imfakkar li f'sede kriminali l-akkuzat ma ghandu jipprova xejn izda jista jistrieh fuq il-provi imresqa mill-prosekuzzjoni. Hija il-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hin minn kull dubbju dettat mir-raguni. Il-prosekuzzjoni setghet facilment tikkolobora tali prova kieku ridet billi

tressaq is-surgent jghid fejn kienet id-daqqa fuq il-vettura tal-akkuzat molto piu meta l-versjoni tal-akkuzat kienet konsistenti tul il-proeduri kollha u cioe li l-incident sehh minhabba id-daqqa li huwa qala minn wara li waslitu biex jitlef il-kontrol jitla' l-bankina u jidhol fil-faccata ta' hanut.

Ghalhekk nistghu nghidu mill-provi prodotti li l-akkuzat kien negligenti fis-sewqan tieghu, jew li ma osservax ir-regolamenti tat-traffiku? Huwa dan li irid jigi pruvat mill-prosekuzzjoni sal grad lil hin minn kul dubbju dettat mir-raguni sabiex l-akkuzat jinsab hati .

Illi jinghad ukoll li a fol. 12 tas-sentenza l-ewwel Qorti taghmel referenza ghal xi nies fosthom certu *"Peter Zahra u martu Pauline li aleltament raw lill-imputat gej bid-dawl mixghul fuq triq principali pero hasbu li ien 'l boghod u li ghalhekk setghu johorgu lievrament qabel ma l-sitess imputat jasal hdejhom u ghakhekk huw aprobabli li Zahra ma esplorax sew it-triq qabel ma kompla jaqsam pero certament dan ma jesonerax lill-imputat mill-obbligi tieghu."* Illi pero minn analizi tax-xhieda prodotta l-prosekuzzjoni ma resqet lill-ebda xhieda b'dawn l-ismijiet u ghalhekk din ir-referenza saret bi zball.

L-akkuzat jinsab akkuzat bir-reat ta' hsara involontarja kkaguanta fuq il-proprejta ta' Jane Pizzuto minhabba nuqqas ta' hsieb, traskruagni jew 'nuqqas ta' hila fl-arti jew il-professsjoni tal-akkuzat jew b'nuqqas ta' tharis lejn ir-regolamenti skond l-artikolu 328 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza moghtija ricentement fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs -Omissis ,Carol Bonnici, David Sant</u>**[17]**<u>.</u>**

> *The law of negligence requires that for any claimant to succeed, the court must be satisfied that the defendant in question owed him a duty of care, that there was breach of duty by the defendant and finally the claimant's damages were as a result of the breach. ...*
>
> *Duty of care means that any single person must always take reasonable care so that he can avoid omissions and acts that he can foresee reasonably as likely to result to injury to his neighbor. In negligence law, a neighbor is that person who is directly and closely affected by one's act such that*

[17] Deciza fis-6 ta' Jannar, 2021. Appell numru Appell Nru: 105/2019 , 106/2019

*one is supposed to have him/her in contemplation to be affected when directing the mind to the omissions and acts in question. Standard of care must be proved by deciding whether the defendant in question owed the plaintiff a standard of care, the level of standard of care that the defendant owed the plaintiff and lastly, by determining whether another reasonable person in the same field like the defendant would do the same*[18].

Dan ifisser illi l-kulpa tirriżulta kull meta l-kondotta mistennija taqa' taht l-istandard meħtieġ minn dawk in-nies imsejjħa biex ma jikkawzawx hsarat lill-proprejta ta' terzi waqt is-sewqan taghhom. Illi dan l-istandard ta' sewqan irid jaqa' taht dak il-livell mistenni meta l-kondotta ommissiva tkun tali li l-event dannuz kien prevedibbli li kieku dak l-istandard intlaħaq.

Issa fil-kaz in desamina ma jirrizultax kif kien is-sewqan tal-akkuzat. Hadd ma telgha jghid li l-akkuzat kien qed isuq b'speed eccessiv jew li ma kienx kawt fis-sewqan tieghu. Pero jirrizulta li it-terz injot u dan il-fatt gie rapportat a tempo vergine tal-investigazzjoni qabad u hareg ghall-gharrieda min fuq *stop sign* u b'hekk evidentement ikkreja emergenza subitanea lil konducent akkuzat.

Din il-Qorti ma taqbilx ma l-ewwel Qorti li kien hemm negligenza kontributorja da parte ta' terz ghaliex fil-fatt l-incident sehh b'tort uniku ta' dan it-terz injot. Ma jistax jistax jinghad li persuna li tkun fit triq ghaddejja ghall-affari taghha tigi imbuttata min wara stante li d-daqqa kagunata kienet minn wara tispicca fuq bankina ghaliex titlef il-kontrol tkun responabbli ghall-incident meta dan sehh proprju minhabba it-terz. Il-prosekuzzjoni trid tipprova in-negligenza tal-akkuzat jew in -nuqqas ta' 'ossevanza tar regolamenti tal-akkuzat jew it-traskruagni tieghu. Mill-provi prodottti pero dan ma jirrizulta minn imkien. Il-prosekuzzjoni ma resqet lil hadd biex jixhed fuq is-sewqan tal-akkuzat u l-hsarat li gew kagunati ghalkemm huma konsiderevoli bhala prezz zgur li mhumiex kbar fil-konsistenza taghhom ghaliex jikkonsistu biss f'daqqa zghira fuq ix-xellug tal-hanut fil-parti t'isfel inti u thares lejn minn quddiem. Li kieku l-akkuzat kellu xi speed eccessiv l-hsara kienet tkun hafna ikbar.

[18] https://www.lawteacher.net/free-law-essays/medical-law/elements-of-tort-of-negligence-medical-lawessay.php

Għalhekk in vista tal-kwadru fuq espost din il-Qorti tiddikjara li qeda tilqa' l-appell tal-appellant u b'hekk qeda tirrevoka is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena imposta u tiddikjara li ma hux qed issibu ħati tal-akkuza u tilliberah minnha.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imħallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur